MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Numru 1024/2011

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)

vs

Joseph Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 548291M, akkuzat talli fit-30 ta’ Awwissu 2011, ghal hin ta’ l-10p.m., fi Triq Guzeppi Ellul Hal-Luqa:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ dik ta’ ferita’ gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Muscat u billi wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.
2. fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta’ mus ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Muscat hekk kif iccertifikat Dr Maureen Bezzina (Med Reg 5271) mill-Isptar Mater Dei.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta u cioe' mus minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija 1) tordna l-konfiska ta' l-arma in kwistjoni. 2) tipprovdi skont l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta' ta' Joseph Muscat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-kwerelant Joseph Muscat sofra griehi fil-warrani tieghu li kienu gew ikkagunati mill-imputat. Il-feriti jinsabu ccertifikati bhala hfief u fil-fatt hekk jirrizulta billi ma jidhirx li konsegwenza tal-istess sviluppaw kumplikazzjonijiet relatati mal-ferita.

Fil-kors tal-proceduri l-kwerelant irrinunzja ghal kull haga rinunzjabbli konnessa ma' dawn il-proceduri.

Issa l-imputat f'din l-udjenza ghazel li jirregistra ammissjoni. Bhala konsegwenza ghal din l-ammissjoni li hi volontarja u inkondizjonata l-Qorti ser issibu u tali tiddikjarah hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Wara li kkonsidrat l-attenwanti generici u rat l-Artikolu 41, 216 tal-Kap 9 u l-Artikolu 6, 51(7) tal-Kap 480, tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sentejn mill-lum filwaqt li tikkundannah multa ta' 117 ewro li tista' tithallas mhux aktar tard minn xahar mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------